# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 26 ta' Mejju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvin Zammit)**
**vs**
**Maria Micallef**

**Drogi Numru: 30/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Maria Micallef, ta' 26 sena, bint Carmel u Maria nee' Pavia imwielda Pieta' nhar il-15 ta' Settembru, 1994 u residenti fil-fond 27, Triq Wied il-Ghajn, Zabbar u detentur tal-Karta tal-Identita' numru 404594M.

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Dicembru, 2020 ghal habta ta' 23:15hrs u fis-sieghat ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer;

1. Kellha fil-pussess taghha il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. Kellha fil-pussess taghha ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lil hatja ghall-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew

periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali a tenur ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-posizzjoni taghha.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar l-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-amissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali netta taghha. Hadet in konsiderazzjoni x-xorta u l-kwantita ta' droga misjuba fil-pussess ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat wara li rat l-artikoli 8(a)(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena**.

In oltre l-Qorti qed tordna **d-distruzzjoni tad-droga u oggetti esebieti Dok MZ3, Dok MZ4, u Dok MZ5** u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi proces verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u dwar il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**